

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 1.2.2010
KUMM(2010)23 finali

2010/0014 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 23/2010 fir-rigward tal-oppportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u wara l-konklużjoni tal-arranġamenti bilaterali dwar is-sajd għall-2010 man-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 23/2010 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u wara l-konklużjoni tal-arranġamenti bilaterali dwar is-sajd għall-2010 man-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea¹,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 23/2010² li jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.
- (2) L-opportunitajiet tas-sajd għal bastiment tal-UE fl-ilmijiet tan-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe u fl-ilmijiet tal-UE għal stokkijiet kondiviżi, ġestiti flimkien jew li jsir tpartit tagħhom ma' dawk il-pajjiżi kif ukoll l-opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet tal-UE għal bastimenti li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe huma stabbiliti kull sena wara li ssir konsultazzjoni dwar id-drittijiet tas-sajd li ssir skont il-proċedura li hemm provvediment għaliha fil-ftehimiet jew il-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd ma' dawk il-pajjiżi³.
- (3) Sakemm ikunu konklużi l-konsultazzjonijiet dwar l-arranġamenti għall-2010 man-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe, ir-Regolament (UE) Nru 23/2010 jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd temporanji għall-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati.
- (4) Fil-15 ta' Jannar u fis-26 ta' Jannar 2010, il-konsultazzjonijiet mal-Gżejjer Faroe u rispettivament man-Norveġja ġew konklużi u l-arranġamenti għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2010 ġew stabbiliti. B'konsegwenza ta' dan, huwa meħtieġ li jinbidlu l-opportunitajiet tas-sajd temporanji għall-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati għall-2010 kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 23/2010 bl-opportunitajiet tas-sajd jikkorrispondu ma' dawk l-arranġamenti.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.

³ ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48 (In-Norveġja); ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12 (Il-Ġżejjer Faroe).

- (5) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2009, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali kkonfermat mill-ġdid li mill-1 ta' Jannar 2010 se jkunu magħluqa żewġ żoni tal-ibħra miftuħa fiż-żona tal-Konvenzjoni għat-tonn t'għajnu kbira u għat-tonn tal-pinen sofor minn bastimenti bil-purse seine u introduċiet limitu fuq il-qbid għall-pixxispad għal kull membru. Huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet ġodda jiġu implimentati fil-liġi tal-UE.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 23/2010 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 23/2010 huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 għandu jiġi mħassar.
2. Għandu jiġi miżjud l-Artikolu 30a li ġej:

"Artikolu 30a

Żoni magħluqa għas-sajd bil-purse seine

Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonn t'għajnu kbira u għat-tonn bil-pinen sofor huwa projbit fiż-żoni tal-ibħra miftuħa li ġejjin:

- a) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Indoneżja, il-Palaw, il-Mikroneżja u l-Papwa Ginea Ġdida;
 - b) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Mikroneżja, il-Gżejjer Marshall, Nauru, Kiribati, Tuvalu, Fiġi, il-Gżejjer Solomon u l-Papwa Ginea Ġdida; "
3. L-Anness IA għandu jiġi emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
 4. L-Anness IB għandu jinbidel bit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament.
 5. L-Anness IH għandu jinbidel bit-test tal-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

Anness I

L-Anness Ia għar-Regolament (UE) Nru 23/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIa u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Ċiċċirell <i>Ammodytidae</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIa u IV ⁽¹⁾ (SAN/2A3A4.)
Id-Danimarka	167 436	TAC Analitiku	
Ir-Renju Unit	3 660	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Ġermanja	256	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Isvezja	6 148		
L-UE	177 500		
In-Norveġja	20 000 ⁽²⁾		
Faroe	2 500 ⁽²⁾		
TAC	200 000		

- (1) Esklużi l-ilmijiet sa sitt mili mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

- (2) Li għandhom jinqabdu fiż-żona IV."

- (2) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Tusk fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' VI, V u VII għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Tusk <i>Brosme brosme</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' V, VI u VII (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	4	TAC Analitiku	
Spanja	14		
Franza	172		
L-Irlanda	17		
Ir-Renju Unit	83		
Oħrajn	4 ⁽¹⁾		
L-UE	294		
In-Norveġja ⁽²⁾	2 923 ⁽³⁾⁽⁴⁾		
TAC	3 217		

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett m'huwa permess taħt din il-kwota.

(2) Għandha tinqabad fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IV, Vb, VI u VII.

(3) Li minnhom qbid inċidentali ta' speċi oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, hija awtorizzata fi Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-

bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qbid inċidentali totali ta' speċijiet oħra fi Vb, VI u VII ma għandux jaqbeż 3000 tonnellata.

- (4) Inkluż il-lipp. Il-kwoti għan-Norveġja huma 6 140 tonnellata lipp u 2 923 tonnellata tusk, u jistgħu jitpartu sa 2 000 tonnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konzizzjiet fi Vb, VI u VII.

- (3) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Tusk fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Tusk	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV
	<i>Brosme brosmes</i>		(USK/04-N.)
Il-Belġju	0	TAC Analitiku	
Id-Danimarka	165	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Ġermanja	1	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Franza	0		
L-Olanda	0		
Ir-Renju Unit	4		
L-UE	170		
TAC	Mhux rilevanti	"	

- (4) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringi fi IIIa għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi ⁽¹⁾	Żona:	IIIa
	<i>Clupea harengus</i>		(HER/03A.)
Il-Danimarka	14 010	TAC Analitiku	
Il-Ġermanja	224	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Isvezja	14 656	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-UE	28 890		
Il-Gżejjer	450 ⁽²⁾		
TAC	33 855		

- (1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.

- (2) Maqbuda fi Skagerrak. "

- (5) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringi fl-ilmijiet tal-UE ta' IV fit-Tramuntana ta' 53°30'N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi ⁽¹⁾	Żona:	L-ilmijiet tal-UE u Norveġiżi ta' IV fit-Tramuntana ta' 53°30'N
	<i>Clupea harengus</i>		(HER/04A.), (HER/04B.)
Id-Danimarka	22 497	TAC Analitiku	

Il-Ġermanja	14 147
Franza	9 653
L-Olanda	21 581
L-Isvezja	1 672
Ir-Renju Unit	24 223
L-UE	93 773
In-Norveġja	47 647 ⁽²⁾

TAC 164 300

- (1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tagħhom ta' aringi u jiddistingwu bejn IVa u IVb.
- (2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet maqbuda fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

L-ilmijiet tan-Norveġja fin-Nofsinhar

ta' 62°N (HER/*04N-)

50 000"

(6) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringi fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi: Aringi <i>Clupea harengus</i>	Żona: L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (HER/04-N.)
--	--

L-Isvezja	846 ⁽¹⁾	TAC Analitiku
L-UE	846	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
TAC	164 300	

- (1) Qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju, merlangu u pollakkju saithe għandhom jingħaddu mill-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(7) l-annotazzjoni dwar il-qabdiet inċidentali tal-ispeċi Aringi fi IIIa għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi: Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona: Il-qabdiet inċidentali fi IIIa (HER/03A-BC)
---	--

Id-Danimarka	6 424	TAC Analitiku
Il-Ġermanja	57	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Isvezja	1 034	
L-UE	7 515	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

TAC 7 515

(1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm."

(8) l-annotazzjoni dwar il-qabdiet inċidentali tal-ispeċi Aringi fl-ilmijiet tal-UE ta' Iia u IV; VII għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona: Il-qabdiet inċidentali f'IV, VIId u l-ilmijiet tal-UE ta' Iia (HER/2A47DX)
---------	---	---

Il-Belġju	67	TAC Analitiku
Id-Danimarka	13 008	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Ġermanja	67	
Franza	67	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Olanda	67	
L-Isvezja	64	
Ir-Renju Unit	247	
L-UE	13 587	

TAC 13 587

(1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm."

(9) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringi fi VIId; IVc għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona: VIId; IVc ⁽²⁾ (HER/4CXB7D)
---------	---	--

Il-Belġju	7 100 ⁽³⁾	TAC Analitiku
Id-Danimarka	321 ⁽³⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Ġermanja	202 ⁽³⁾	
Franza	5 235 ⁽³⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Olanda	8 193 ⁽³⁾	
Ir-Renju Unit	1 830 ⁽³⁾	
L-UE	22 881	

TAC 164 300

(1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.

- (2) Minbarra l-istokk ta' Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51°56' N, 1°19.1' E) sal-latitudni 51°33' N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
- (3) Jistgħu jsiru trasferimenti sa 50 % ta' din il-kwota għaż-żona IVb. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat bil-quddiem lill-Kummissjoni (HER/*04B.)."

(10) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Aringi fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb u VIb u VIaN għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi <i>Clupea harengus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' Vb u VIb u VIaN ⁽¹⁾ (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	2 656	TAC Analitiku	
Franza	503		
L-Irlanda	3 589		
L-Olanda	2 656		
Ir-Renju Unit	14 356		
L-UE	23 760		
Il-Gżejjer Faroe	660 ⁽²⁾		

TAC 24 420

- (1) Ir-referenza hija għall-istokk ta' aringi fi VIa, fit-Tramuntana ta' 56°00' N u f'dik il-parti ta' VIa li tiġi fil-Lvant ta' 07°00' W u fit-Tramuntana ta' 55°00' N, eskluż il-Clyde.
- (2) Din il-kwota tista' tinqabad biss fi VIa fit-Tramuntana ta' 56°30' N."

(11) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merluzz fi Skagerrak għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona:	Skagerrak (COD/03AN.)
Il-Belġju	12 ⁽¹⁾	TAC Analitiku	
Id-Danimarka	3 835 ⁽¹⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Ġermanja	96 ⁽¹⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Olanda	24 ⁽¹⁾		
L-Isvezja	671 ⁽¹⁾		
L-UE	4 638		
TAC	4 793		

- (1) L-użu ta' din il-kwota huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1 tal-Appendiċi għal dan l-Anness. "

- (12) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merluzz fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa u IV; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona: IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhijiex koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	991 ⁽¹⁾⁽²⁾	TAC Analitiku
Id-Danimarka	5 696 ⁽¹⁾⁽²⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Ġermanja	3 612 ⁽¹⁾⁽²⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Franza	1 225 ⁽¹⁾⁽²⁾	
L-Olanda	3 219 ⁽¹⁾⁽²⁾	
L-Isvezja	38 ⁽¹⁾⁽²⁾	
Ir-Renju Unit	13 067 ⁽¹⁾⁽²⁾	
L-UE	27 848 ⁽¹⁾	
In-Norveġja	5 704 ⁽³⁾	
TAC	33 552	

- (1) L-użu ta' din il-kwota huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1 tal-Appendiċi għal dan l-Anness.
- (2) Flimkien ma' din il-kwota, l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-bastimenti li qed jipparteċipaw f'inizjattivi dwar sajd dokumentat b'mod sħiħ sabiex jagħmlu qabdiet addizzjonali fi ħdan limitu ġenerali ta' 5 % oħra tal-kwota allokata lill-Istat Membru, sakemm:
- il-bastiment jagħmel użu minn kameras tat-televiżjoni b'ċirkuwitu magħluq (CCTV), assoċjat ma' sistemi ta' sensuri, li jirreġistraw l-attivitjiet kollha ta' sajd u ta' proċessar abbord tal-bastiment;
 - il-qabdiet kollha ta' merluzz ta' dak il-bastiment jingħaddu mal-kwota, inklużi dawk l-ispeċijiet taħt id-daqs minimu tal-ħatt l-art;
 - il-qabdiet addizzjonali huma limitati għal 30% tal-limitu tal-qbid normali applikabbli għal bastiment bħal dan jew għal ammont li huwa ġustifikat bħala kapaċi li jiżgura li mhux se jkun hemm żieda fil-mortalità tas-sajd tal-istokk tal-merluzz;
 - fejn Stat Membru jsib li bastiment li qed jipparteċipa fl-inizjattiva mhux qed ikun konformi mal-kundizzjonijiet t'hawn fuq, l-Istati Membri għandu jirtira l-qabdiet addizzjonali mogħtija lil dak il-bastiment u jeskludih minn kwalunkwe parteċipazzjoni ulterjuri f'din l-inizjattiva.
- (3) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet maqbuda fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żona li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV

(13) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (COD/04-N.)
L-Isvezja	382 ⁽¹⁾	TAC Analitiku	
L-UE	382	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Il-qbid incidental tal-haddock, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju saithe għandhom jingħaddu mal-kwota għal din l-ispeċi."

(14) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merluzz fi VIIId għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona:	VIIId (COD/07D.)
Il-Belġju	84 ⁽¹⁾⁽²⁾	TAC Analitiku	
Franza	1 641 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Olanda	49 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	181 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-UE	1 955		
TAC	1 955		

(1) L-użu ta' din il-kwota huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 2 tal-Appendiċi għal dan l-Anness.

(2) Flimkien ma' din il-kwota, l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-bastimenti li qed jipparteċipaw f'inizjattivi dwar sajd dokumentat b'mod sħiħ sabiex jagħmlu qabdiet addizzjonali fi ħdan limitu ġenerali ta' 5 % oħra tal-kwota allokata lill-Istat Membru, sakemm:

- il-bastiment jagħmel użu minn kameras tat-televiżjoni b'ċirkuwitu magħluq (CCTV), assoċjat ma' sistemi ta' sensuri, li jirreġistraw l-attivitjiet kollha ta' sajd u ta' proċessar abbord tal-bastiment;
- il-qabdiet kollha ta' merluzz ta' dak il-bastiment jingħaddu mal-kwota, inklużi dawk l-ispeċijiet taħt id-daqs minimu tal-ħatt l-art;
- il-qabdiet addizzjonali huma limitati għal 30% tal-limitu tal-qbid normali applikabbli għal bastiment bħal dan jew għal ammont li huwa ġustifikat bħala kapaċi li jiżgura li mhux se jkun hemm żieda fil-mortalità tas-sajd tal-istokk tal-merluzz;
- fejn Stat Membru jsib li bastiment li qed jipparteċipa fl-inizjattiva mhux qed ikun konformi mal-kundizzjonijiet t'hawn fuq, l-Istati Membri għandu jirtira l-qabdiet addizzjonali mogħtija lill dak il-bastiment u jeskludih minn kwalunkwe parteċipazzjoni ulterjuri f'din l-inizjattiva."

(15) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Petriċi fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Petriċi <i>Lophiidae.</i>	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV ANF/04-N).
Il-Belġju	46	TAC	Analitiku
Id-Danimarka	1 182	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
Il-Ġermanja	19	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
L-Olanda	17		
Ir-Renju Unit	276		
L-UE	1 540		
TAC	Mhux rilevanti		"

(16) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Haddock f'IIIa, fl-ilmijiet tal-UE ta' IIIb, IIIc u IIId għandha tinbidel b'dan li ġej:

Speċi:	Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i>	Żona:	IIIa, l-ilmijiet tal-UE ta' IIIb, IIIc u IIId (HAD/3A/BCD)
Il-Belġju	9	TAC	Analitiku
Id-Danimarka	1 551	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
Il-Ġermanja	99	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
L-Olanda	2		
L-Isvezja	183		
L-UE	1 844 ⁽¹⁾		
TAC	2 201		
(1)	Eskluża stima ta' 264 tunnellata ta' qbid incidental i industrijali."		

(17) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Haddock fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i>	Żona:	IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa (HAD/2AC4.)
Il-Belġju	200	TAC	Analitiku
Id-Danimarka	1 376		
Il-Ġermanja	876		
Franza	1 526		

L-Olanda	150
L-Isvezja	139
Ir-Renju Unit	22 698
L-UE	26 965 ⁽¹⁾
In-Norveġja	8 083

TAC 35 794

(1) Eskluża stima ta' 746 tunnellata ta' qbid inċidentali industrijali.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet immizzla hawn taħt miż-żona li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV

(HAD/*04N-)

20 613"

(18) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Haddock fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i>	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HAD/04-N.)
L-Isvezja	707 ⁽¹⁾	TAC	Analitiku
L-UE	707	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju saithe għandhom jingħaddu mal-kwota għal din l-ispeċi."

(19) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merlangu fi IIIa għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu <i>Merlangius merlangus</i>	Żona:	IIIa (WHG/03A.)
Id-Danimarka	232	TAC	Analitiku
L-Olanda	1	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
L-Isvezja	25	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
L-UE	258 ⁽¹⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	ma japplikax.
TAC	1 050		

(1) Eskluża stima ta' 773 tunnellata ta' qbid inċidentali industrijali."

(20) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merlangu fl-ilmijiet tal-UE ta' Ila u IV għandha tinbidel b'dan li ġejj:

"Speċi:	Merlangu	Żona:	IV; l-ilmijiet tal-UE ta' Ila (WHG/2AC4.)
	<i>Merlangius merlangus</i>		
Il-Belġju	236 ⁽¹⁾	TAC Analitiku	
Id-Danimarka	1 022 ⁽¹⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Ġermanja	266 ⁽¹⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Franza	1 536 ⁽¹⁾		
L-Olanda	591 ⁽¹⁾		
L-Isvezja	2 ⁽¹⁾		
Ir-Renju Unit	7 391 ⁽¹⁾		
L-UE	11 044 ⁽²⁾		
In-Norveġja	790 ⁽³⁾		
TAC	12 897		

(1) L-użu ta' din il-kwota huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 3 tal-Appendiċi għal dan l-Anness.

(2) Eskluża stima ta' 1 063 tunnellata ta' qbid inċidentali industrijali.

(3) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet maqbuda fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żona li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġi ta' IV

(WHG/*04N-)

8 203"

(21) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Merlangu u Pollakkju fl-ilmijiet Norveġi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġejj:

"Speċi:	Merlangu u Pollakkju	Żona:	L-ilmijiet Norveġi fin-Nofsinhar ta' 62° N (W/P/04-N.)
	<i>Merlangius merlangus</i> u <i>Pollachius pollachius</i>		
L-Isvezja	190 ⁽¹⁾	TAC Prekawzjonali	
L-UE	190		

TAC Mhux rilevanti

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, il-haddock u l-pollakkju saithe għandhom jingħaddu mal-kwoti għal dawn l-ispeċijiet."

(22) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Stokkafixx fl-ilmijiet Norveġi ta' II u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i>	Żona:	L-ilmijiet Norveġi ta' II u IV (WHB/4AB-N.)
Id-Danimarka	1 900	TAC Analitiku	
Ir-Renju Unit	100	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-UE	2 000	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
TAC	540 000		
"			

(23) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Stokkafixx fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIIIe, XII u XIV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14)
Id-Danimarka	10 128 ⁽¹⁾⁽²⁾	TAC Analitiku	
Il-Ġermanja	3 938 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Spanja	8 586 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Franza	7 048 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Irlanda	7 843 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Olanda	12 350 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Il-Portugall	798 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Isvezja	2 505 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	13 141 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-UE	66 337 ⁽¹⁾⁽²⁾		
In-Norveġja	59 900 ⁽³⁾⁽⁴⁾		
Il-Gżejjer Faroe	9 000 ⁽⁵⁾⁽⁶⁾		
TAC	540 000		

(1) Li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1).

(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet ta' Faroe fi ħdan il-kwantità ġenerali tal-aċċess ta' 14 000 tunnellata disponibbli għall-UE (WHB/*05B-F).

- (3) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE fi II, IVa, VIa fit-Tramuntana ta' 56°30N, VIb u VII fil-Punent ta' 12°W (WHB/*8CX34). Il-qbid fi IVa ma għandux ikun aktar minn 40 000 tunnellata.
- (4) Li minnhom sa 500 tunnellata jistgħu jikkonsistu f'argentina (*Arġentina* spp.).
- (5) Qabdiet ta' stokkafixx jistgħu jinkludu qabdiet inevitabbli ta' argentina (*Arġentina* spp.).
- (6) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE ta' II, IVa, V, VIa fit-Tramuntana ta' 56°30N, VIb u VII fil-Punent ta' 12°W. Il-qbid fi IVa ma għandux ikun ta' aktar minn 2 250 tunnellata. "

(24) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Stokkafixx fi VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1. għandu jinbidel b'dan li ġej:

Speċi:	Stokkafixx	Żona:	VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1
	<i>Micromesistius poutassou</i>		(WHB/8C3411)

Spanja 11 096 TAC Analitiku

Il-Portugall 2 774

L-UE 13 870 ⁽¹⁾⁽²⁾

TAC 540 000

(1) Li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM2).

(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet ta' Faroe fi ħdan il-kwantità ġenerali tal-aċċess ta' 14 000 tunnellata disponisbbli għall-UE (WHB/*05B-F).

(25) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Stokkafixx fl-ilmijiet tal-UE ta' II, IVa, V, VI fit-Tramuntana ta' 56°30N, u VII fil-Punent ta' 12°W għandha tinbidel b'dan li ġej:

Speċi:	Stokkafixx	Żona:	L-ilmijiet tal-UE ta' II, IVa, V, VI fit-Tramuntana ta' 56°30N, u VII fil-Punent ta' 12°W
	<i>Micromesistius poutassou</i>		(WHB/24A567)

In-Norveġja 87 011 ⁽¹⁾⁽²⁾ TAC Analitiku

Il-Gżejjer Faroe 14 000 ⁽³⁾⁽⁴⁾ L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

TAC 540 000 L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Għandhom jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tan-Norveġja stabbiliti skont l-arranġament tal-Istati Kostali.

(2) Il-qbid fi IV ma għandux ikun aktar minn 21 753 tunnellata jiġifieri 25 % tal-livell ta' aċċess tan-Norveġja.

(3) Għandhom jinqatgħu mill-limiti tal-qbid tal-Gżejjer Faroe stabbiliti fl-arranġament għall-Istati Kostali.

(4) Jista' jinqabad ukoll fi VIb. Il-qbid fi IV ma għandux ikun aktar minn 3 500 tunnellata.

(26) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Linarda fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjoni ta' VI, VII għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Linarda	Żona:
	<i>Molva dypterygia</i>	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' VI, VII (BLI/67-)
Il-Ġermanja	15	TAC Analitiku
L-Estonja	2	
Spanja	47	
Franza	1 082	
L-Irlanda	4	
Il-Litwanja	1	
Il-Polonja	0	
Ir-Renju Unit	275	
Oħrajn	4 ⁽¹⁾	
L-UE	1 432	
In-Norveġja	150 ⁽²⁾	
Il-Gżejjer Faroe	150 ⁽³⁾	

TAC 1 732

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett m'huwa permess taħt din il-kwota.

(2) Għandha jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII.

(3) Qabdiet inċidentali ta' roundnose grenadier u ċinturin iswed għandhom jinqatgħu minn din il-kwota. Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE ta' VIa fit-Tramuntana ta' 56°30'N u VIIb."

(27) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Lipp fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Lipp	Żona:
	<i>Molva molva</i>	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.)
Il-Belġju	29	TAC Analitiku
Id-Danimarka	5	
Il-Ġermanja	107	
Spanja	2 156	
Franza	2 299	
L-Irlanda	576	
Il-Portugall	5	
Ir-Renju Unit	2 646	
L-UE	7 824	
In-Norveġja	6 140 ⁽¹⁾⁽²⁾	
Il-Gżejjer Faroe	200 ⁽³⁾⁽⁴⁾	
TAC	14 164	

- (1) Li minnhom qbid incidental ta' speċi oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, hija awtorizzata fi Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qbid incidental totali ta' speċijiet oħra fi VI u VII ma għandux jaqbeż 3 000 tunnellata.
- (2) Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja huma 6 140 tunnellata lipp u 2 923 tunnellata tusk, u jistgħu jitpartu sa 2 000 tunnellata u jistgħu biss jinqabdu bil-konzijiet fiż-żoni Vb, VI u VII.
- (3) Inkluż it-tusk. Jistgħu jinqabdu fi VIb u VIa fit-Tramuntana ta' 56°30' N.
- (4) Li minnhom huwa awtorizzat qbid incidental ta' speċijiet oħra ta' 20 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fi VIa u VIb. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qbid incidental totali ta' speċijiet oħra fi VI ma għandux jaqbeż 75 tunnellata"

(28) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Lipp fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Lipp	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV
	<i>Molva molva</i>		(LIN/04-N.)
Il-Belġju	6	TAC Analitiku	
Id-Danimarka	747		
Il-Ġermanja	21		
Franza	8		
L-Olanda	1		
Ir-Renju Unit	67		
L-UE	850		
TAC	Mhux rilevanti		

(29) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Ksampu fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Ksampu	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV
	<i>Nephrops norvegicus</i>		(NEP/04-N.)
Id-Danimarka	1 135	TAC Analitiku	
Il-Ġermanja	1	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Ir-Renju Unit	64	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-UE	1 200		
TAC	Mhux rilevanti "		

(30) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Gamblu tat-Tramuntana fi IIIa għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona: IIIa (PRA/03A.)
Id-Danimarka	3 401	TAC Analitiku
L-Isvezja	1 832	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-UE	5 233	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
TAC	9 800 "	

(33) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona: L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (PRA/04-N.)
Id-Danimarka	420	TAC Analitiku
L-Isvezja	138 ⁽¹⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-UE	558	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
TAC	Mhux rilevanti	
(1)	Qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju, merlangu u pollakkju saithe għandhom jinqatgħu mill-kwoti għal din l-ispeċi."	

(32) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Barbun tat-Tbajja' fs-Skagerrak għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i>	Żona: Skagerrak (PLE/03AN.)
Il-Belġju	56	TAC Analitiku
Id-Danimarka	7 280	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Ġermanja	37	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Olanda	1 400	
L-Isvezja	390	
L-UE	9 163	
TAC	9 350 "	

(33) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Barbun tat-Tbajja' fil-Kattegat għandha tinbidel b'dan li ġej:

Speċi:	Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i>	Żona:	Kattegat (PLE/03AS.)
Id-Danimarka	1 040	TAC Analitiku	
Il-Ġermanja	12	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Isvezja	117		
L-UE	1 169	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
TAC	1 169 "		

(34) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Barbun tat-Tbajja' fl-ilmijiet tal-UE ta'IIa u IV; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat għandha tinbidel b'dan li ġej:

Speċi:	Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i>	Żona:	IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (PLE/2A3AX4)
Il-Belġju	3 665	TAC Analitiku	
Id-Danimarka	11 911	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Ġermanja	3 436		
Franza	687	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Olanda	22 907		
Ir-Renju Unit	16 951		
L-UE	59 557		
In-Norveġja	4 268		
TAC	63 825		

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet innizzla hawn taħt miż-żona li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV

(PLE/*04N-)

24 439"

(35) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Pollakkju saithe fi IIIa; fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIb, IIIc, IIId u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju <i>Pollachius virens</i>	Żona:	IIIa u IV; l-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIb, IIIc u IIId (POK/2A34.)
Il-Belġju	37	TAC	Analitiku
Id-Danimarka	4 357		
Il-Ġermanja	11 002		
Franza	25 891		
L-Olanda	110		
L-Isvezja	599		
Ir-Renju Unit	8 435		
L-UE	50 431		
In-Norveġja	56 613 ⁽¹⁾		
TAC	107 044		

(1) Jistgħu jinqabdu biss mill-ilmijiet tal-UE ta' IV u fi IIIa. Qabdiet maqbuda fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja."

(36) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Pollakkju saithe fi VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju saithe <i>Pollachius virens</i>	Żona:	VI; l-ilmijiet tal-KE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb, XII u XIV (POK/561214)
Il-Ġermanja	284	TAC	Analitiku
Franza	2 819		
L-Irlanda	391		
Ir-Renju Unit	3 039		
L-UE	6 533		
TAC	11 106 "		

(37) l-annotazzjoni dwar l-ispeċi Pollakkju saithe fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju saithe <i>Pollachius virens</i>	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (POK/04-N.)
L-Isvezja	880 ⁽¹⁾	TAC	Analitiku
L-UE	880		

TAC Mhux rilevanti
 (1) Qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju u merlangu għandhom jingħaddu mal-kwota għal l-ispeċi."

(38) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet tal-UE ta' Ila u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb u VI għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Ħalibatt ta' Greenland <i>Reinhardtius hippoglossoides</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-UE ta' Ila u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb u VI (GHL/2A-C46)
---------	---	-------	--

Id-Danimarka	3	TAC Analitiku
Il-Ġermanja	5	
L-Estonja	3	
Spanja	3	
Franza	49	
L-Irlanda	3	
Il-Litwanja	3	
Il-Polonja	3	
Ir-Renju Unit	189	
L-UE	262 ⁽¹⁾	

TAC 612

(1) Li minnhom 350 tunnellata huma allokati lin-Norveġja u għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE ta' Ila u VI. F' VI din il-kwantità tista' tinqabad biss bil-konżizzjiet."

(39) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Kavalli fi IIIa; fl-ilmijiet tal-UE ta' Ila, IIIb, IIIc, III d u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavalli <i>Scomber scombrus</i>	Żona:	IIIa u IV; L-ilmijiet tal-UE ta' Ila, IIIb, IIIc u III d (MAC/2A34.)
